MALTA

## ATT Nru. XXXI ta' l-1977

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali.**

## ACT No. XXXI of 1977

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the National Assistance Act, 1956.**

Naghti l-kunsens tieghi.

Anton Buttigieg
President

7 ta' Ottubru, 1977

## ATT Nru. XXXI ta' l-1977

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar l-Ghajnuna Nazzjonali.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgha f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:—

*Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.*

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1977 li jemenda l-Att dwar l-Ghajnuna Nazzjonali (Emenda Nru. 2), u ghandu jinqara u jiftiehem haġa waħda ma' l-Att ta' l-1956 dwar l-Ghajnuna Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att ghandu jibda jseħħ fil-15 ta' Ottubru, 1977.

*Sostituzzjoni ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.*

**2.** Minflok l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali ghandu jidhol dan li ġej:

"3. Ghajnuna taħt dan l-Att tkun ta' dawn l-ghamliet:

(a) ghajnuna soċjali;

(b) ghajnuna medika; u

(ċ) ghajnuna speċjali ghal disimpieg.".

*Żieda ta' artikolu ġdid 10A ma' l-Att prinċipali.*

**3.** Minnufih wara l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, ghandu jidhol l-artikolu ġdid li ġej:

*"Jedd ghal ghajnuna speċjali ghal disimpieg.*

10A. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att, persuna li —

(a) qatt ma kienet impjegata jew xort'ohra taghmel xoghol ta' qliegh, sew f'Malta sew barra minn Malta, u

(b) tkun reġistrata bhala disokkupata taħt it-Taqsima I tar-Reġistru ta' l-Impiegi miżmum skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1955 dwar is-Servizz ta' l-Impiegi, u xi regolamenti maghmula bis-saħħa tieghu, u

(ċ) ma jkollhiex jedd li tirċievi —

(i) għajnuna soċjali taħt dan l-Att minħabba li tkun disokkupata, jew

(ii) pensjoni taħt l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-xjuħ,

ikollha jedd li tirċievi għajnuna speċjali għal disimpieg bir-rata ta' 40 ċenteżmu fil-ġimgħa.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal persuna li tkun jew li kienet mara miżżewġa.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali minflok il-kelma "Erbgħa" kull fejn tinsab għandha tidħol f'kull każ il-kelma "Sibt".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

5. Minflok il-Paragrafu Wieħed ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Paragrafu Wieħed

RATA TA' SKALA

| Numru ta' persuni fil-familja | Kolonna A | Kolonna B | Kolonna Ċ |
|---|---|---|---|
| | £ | £ | £ |
| 1 | 6.90,0 | 6.60,0 | 2.20,0 |
| 2 | 9.05,0 | 8.60,0 | 2.85,0 |
| 3 | 10.75,0 | 10.25,0 | 3.40,0 |
| 4 | 12.35,0 | 11.80,0 | 3.95,0 |
| 5 | 13.75,0 | 13.10,0 | 4.35,0 |
| 6 | 14.95,0 | 14.25,0 | 4.75,0 |
| 7 | 15.95,0 | 15.25,0 | 5.05,0 |
| 8 | 16.85,0 | 16.10,0 | 5.35,0 |
| 9 | 17.40,0 | 16.60,0 | 5.50,0 |
| 10 | 17.90,0 | 17.10,0 | 5.70,0 |
| 11 | 18.40,0 | 17.55,0 | 5.85,0 |
| 12 jew iżjed | 18.90,0 | 18.05,0 | 6.00,0 |

Kolonna A tapplika meta l-familja ma tkunx proprjetarja tad-dar ta' residenza jew parti minnha.

Kolonna B tapplika meta l-familja tkun proprjetarja tad-dar ta' residenza li l-valur tagħha ma jkunx iżjed minn £750.

Kolonna Ċ tapplika meta l-familja tkun proprjetarja tad-dar ta' residenza li l-valur tagħha ma jkunx iżjed minn £3,000.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 86 tal-5 ta' Ottubru, 1977.

*Speaker*

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

Anton Buttigieg
President

7th October, 1977

## ACT No. XXXI of 1977

*AN ACT further to amend the National Assistance Act, 1956.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

**1.** (1) This Act may be cited as the National Assistance (Amendment) (No. 2) Act, 1977, and shall be read and construed as one with the National Assistance Act, 1956, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on the 15th day of October, 1977.

Substitution of section 3 of the principal Act.

**2.** For section 3 of the principal Act, there shall be substituted the following:

"3. Assistance under this Act shall be of the following kinds:

(a) social assistance;

(b) medical assitance; and

(c) unemployment special assistance.

Addition of new section 10A to the principal Act.

**3.** Immediately after section 10 of the principal Act, there shall be inserted the following new section:

"Right to unemployment special assistance.

10A. (1) Subject to the other provisions of this Act, a person who —

(a) has never been employed or otherwise gainfully occupied, whether in Malta or abroad, and

(b) is registered as unemployed under Part I of the Employment Register kept in accordance with the provisions of the Employment Service Act, 1955, and of any regulations made thereunder, and

(c) is not entitled to receive —

(i) social assistance under this Act by reason of his being unemployed, or

(ii) a pension under the Old Age Pensions Act, 1948,

shall be entitled to receive unemployment special assistance at the rate of 40 cents per week.

(2) The provisions of subsection (1) of this section shall not apply to a person who is or was a married woman.".

4. In subsection (2) of section 13 of the principal Act for the word "Wednesday" wherever it occurs there shall be substituted in each case the word "Saturday". Amendment of section 13 of the principal Act.

5. For Paragraph One of the First Schedule to the principal Act there shall be substituted the following: Amendment of the First Schedule to the principal Act.

"Paragraph One

SCALE RATE

| Number of persons in households | Column A | Column B | Column C |
|---|---|---|---|
| | £ | £ | £ |
| 1 | 6.90,0 | 6.60,0 | 2.20,0 |
| 2 | 9.05,0 | 8.60,0 | 2.85,0 |
| 3 | 10.75,0 | 10.25,0 | 3.40,0 |
| 4 | 12.35,0 | 11.80,0 | 3.95,0 |
| 5 | 13.75,0 | 13.10,0 | 4.35,0 |
| 6 | 14.95,0 | 14.25,0 | 4.75,0 |
| 7 | 15.95,0 | 15.25,0 | 5.05,0 |
| 8 | 16.85,0 | 16.10,0 | 5.35,0 |
| 9 | 17.40,0 | 16.60,0 | 5.50,0 |
| 10 | 17.90,0 | 17.10,0 | 5.70,0 |
| 11 | 18.40,0 | 17.55,0 | 5.85,0 |
| 12 or more | 18.90,0 | 18.05,0 | 6.00,0 |

Column A shall apply where the household does not own house of residence or part thereof.

Column B shall apply where the household owns house of residence the value of which does not exceed £750.

Column C shall apply where the household owns house of residence the value of which does not exceed £3,000.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 86 of the 5th October, 1977.

*Speaker*

*Clerk to the House of Representatives*